**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Clayton Camilleri]**
**[Spettur Andrew Agius Bonello]**

**vs**

**Andrè Cordina**

**Kumpilazzjoni Numru: 1997/2023**

**Illum, disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Andrè Cordina detentur tal-karta tal-identità numru 116996M**:

1. **U akkużat talli bejn nhar il-24 ta' Marzu 2023 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer bl-**

**imgiba tieghu, ikkaguna lil Jessica Mackay bizà li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha;**

2. **U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Jessica Mackay, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Jessica Mackay;**

3. **U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Jessica Mackay;**

4. **U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded lil Jessica Mackay li jaghmel xi reat;**

5. **U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Jessica Mackay biex**

**taghmel jew tonqos jew milli taghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex jimmalafama lill-istess Jessica Mackay, jew xi persuna ohra;**

6. **U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;**

7. **U finalment talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b' sentenzi definittivi u li ma jistawx jigu mibdula;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tiprovdi ghas-sigurta ta' Eleonora Farrugia garanzija taht artikolu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tiprovdi**

**ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond l-artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-Ordni ta' Trattament maghmula minn din il-Qorti u datata sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 2023;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a favur il-parte civile datata sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 2023;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda kollha;

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lill-Probation Officer **Glen Grixti** li gie mahtur minn din il-Qorti sabiex ihejji *Pre-Sentencing Report* fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 2023. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. GG1. Jghid li mill-informazzjoni li gabar irrizultalu li l-imputat trabba man-nanniet tieghu u li l-ambjent tad-dar kien wiehed

partikolari. Izid jghid li l-maggor parti tal-membri tal-familja tal-istess imputat kienu jbatu minn certu diffikultajiet fosthom dawk relatati mas-sahha mentali. Jixhed ukoll li minkejja l-imputat kien isib appogg finanzjarju, il-familjari tieghu ta' spiss kienu jesebixxu tendenzi ta' pika. Izid jghid li t-tensjoni fil-familja tirrenja. Jghid li prova ta' dan jinsab mill-fatt li l-akkuzat instab hati darbtejn (2) ta' theddid u fastidju lejn membri tal-familja tieghu stess.

Jghid li ghal tali reati l-imputat inghata zewg (2) Ordni ta' Probation. Izid jghid li mill-informazzjoni li gabar l-imputat fil-fatt ma kienx qieghed jikkopera mal-Ufficjal tal-Probation l-anqas ma kien qieghed isegwi pjan ta' kura. Jixhed li l-imputat ma ghandux problemi ta' abbuz minn sustanzi u dan stante rizultanza ta' analizi fuq kampjun tal-awrina tal-imputat. Jixhed ukoll li l-imputat kien kwazi dejjem produttiv stante li minn ricerka tramite l-JobsPlus l-imputat kellu impjieg regolarizzat. Jghid li minn ricerka li ghamel l-imputat kien ilu snin taht kura psikjatrika meta fl-2016 l-istess imputat waqaf jikkomunika mal-Psikjatra Dr Joe Cassar.

Jixhed li l-Psikjatra Dr Joe Cassar kien ikkonkluda li l-karatteristici tal-imputat jindikaw li l-imputat ghandu

habta jiffissa fuq ideat jew persuni. Jghid ukoll li l-istess imputat ghandu habta jimminimizza l-azzjonijiet tieghu. Izid jghid li fl-inkarigu tieghu kien hemm anke kuntatt dirett mal-Psikjatra Dr Anton Grech li kellu appuntament wiehed mal-imputat fi Frar tas-sena 2020 izda li kien sprovvist mill-ezistu ta' tali appuntament. Izid jghid li sar anke kuntatt mal-Psikjatra Dr David Cini li huwa l-Psikjatra tal-Habs u li beda jsegwi lill-imputat meta kien ghadu taht l-arrest. Jixhed li ma' Dr David Cini l-imputat kellu appuntament wiehed biss.

Jixhed ukoll li rrizultalu minghand Dr David Cini li l-istess psikjatra ma kellu ebda indikazzjoni li l-imputat kien ser iwegga' lill-vittma. Izid jghid li l-imputat ma kienx lest li jaqta' kuntatt dirett mill-parte civile u ghalhekk kienet qieghda tigi nnutata li l-imputat kien ghadu ossessjonat bil-parte civile. Izda dan kollu fit-tlettax (13) t'April fejn l-imputat informa kemm lil Dr David Cini kif ukoll lix-xhud li hu kien lest li jaqta' kwalunkwe kuntatt dirett minn mal-parte civile.

Jixhed li fuq dan l-ahhar punt hu ghandu riservi fis-sens li ma jsibx konfort f'dan it-tibdil ta' ragunar da parti tal-imputat. Jispjega din hija prova cara li dak li jwieghed l-imputat jista' jinbidel minn gurnata ghal ohra. Izid jghid li

filwaqt li l-imputat juri certu sens ta' impenn sabiex isegwi dak rikjest fit-trattament, hu xorta juri rezistenza lejn it-tehid ta' pilloli li jkunu rakkomandati lilu. Jixhed ukoll li matul il-kumpilazzjoni tar-rapport tieghu, ix-xhud tkellem mal-parte civile li kkonfermat li kien hemm zmien fejn hi u l-imputat kienu f'relazzjoni bejniethom izda li hi f'certu punt ghamlitha cara li ma xtaqitx tkompli tali relazzjoni. Jghid li minkejja dan l-imputat xorta wahda kien qieghed jipprova jaghmel kuntatt mal-parte civile u javvicina r-residenza taghha.

Ix-xhud ikompli jghid li bhala pjan ta' kura l-imputat ghandu jiffoka fuqu nnifsu u jwaqqaf kull kuntatt minn mal-parte civile. Jghid ukoll li l-imputat ghandu jirrealizza u jaccetta l-fatt li ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex ma jkomplix jeskala s-sitwazzjoni ezistenti u sahansitra anke biex jikkontrolla l-hsibijiet tieghu.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-Psikologu **Kevin Sammut Henwood** li jghid li hu ltaqa' mal-imputat darba mal-Psikjatra Dr David Cini u darb'ohra ma' certu Sinjura Bonnici. Jghid li hu ddiskuta l-kaz odjern mal-imputat sabiex jipprova jifhem iktar il-motivazzjoni tal-imputat. Jixhed li l-imputat ghandu dik li tissejjah *erotomanic delusions* u cioè deluzjoni li hu ser ikollu relazzjoni intima

ma' persuna ohra. Jghid ukoll li meta kien kellem l-imputat, l-istess imputat kien ikkonferma li ser jibqa' jikkuntattja lill-parte civile. Izid jghid li min-naha l-ohra, kawza tal-Ordni ta' Trattament l-imputat jifhem x'jimplika tali Ordni. Jghid ukoll li l-imputat eventwalment ikkonferma li mhux se jaghmel kuntatt mal-parte civile u dan wara li kkomunika ma' haddiema tal-Leap Service.

Ikompli jixhed li mid-drabi li kellem lill-imputat, l-istess imputat juri li jifhem x'inhuma l-konsegwenzi jekk ikollu jerga' jaghmel kuntatt mal-parte civile. Jispjega kif l-ewwel (1) darba li ltaqa' mieghu l-imputat sahaq li kien ser jerga' jikkomunika mal-parte civile izda dan ir-ragunar inbidel mat-tieni (2) darba. Izid jghid li jhoss li l-imputat huwa ta' periklu ghalih innifsu milli ghas-socjetà.

Jixhed li b'referenza ghall-bidla bejn l-ewwel (1) laqgha u t-tieni (2) laqgha, din il-bidla sehhet stante kura medika li l-imputat kien qieghed jircievi gewwa l-Isptar Monte Karmeli flimkien mal-fatt li kien inzerta ghaddej minn zmien ta' riflessjoni. Jghid ukoll li d-deluzjoni li jbati biha l-imputat tista' tigi trattata mill-aspett medicinali maghdud mat-terapija.

## IKKUNSIDRAT

Illi il-kaz *de quo* jittratta dwar theddid tramite mezzi elettronici li ntbaghtu mill-imputat lill-vittma. Oltre minn hekk l-imputat fis-seduta datata sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 2023 ammetta ghal tali reat liema ammissjoni baqghet vigenti sal-ahhar tal-proceduri.

Illi din il-Qorti hija konsapevoli ta' dak dikjarat mill-parte civile a fol. 157 tal-atti processwali, u cioè li qieghda tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u li sahansitra qieghda tahfer lill-imputat. Illi din il-mahfra ser tinpingi fuq il-piena li ser tkun inflitta aktar u aktar illi l-ewwel tliet (3) akkuzi huma istitwibbli bil-kwerela tal-parti offiza.

Illi l-Qorti tosserva li dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti terga' ttennni li fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi. Di piu' l-imputat wera li ma tantx ried jottempera ruhu ma kwalunkwe ghajnuna lilu moghtija tul dawn il-proceduri li ttawlu xi ftit propju sabiex jinghata dan il-beneficcju. Illi l-imputat ghandu wkoll l-addebitu tar-recidiva li taghmel il-pozizzjoni tieghu aktar problematika.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Probation Officer Glen Grixti kkonkluda fir-rapport tieghu a fol. 107 tal-atti processwali:

> *"L-Ufficjal tal-Probation ma jemminx illi f' dan il-kaz ghandha tigi esplorata l-possibilta` ta' medjazzjoni bejn l-imputat u l-vittma,* ***bl-istess Ufficjal itenni li z-zewg partijiet m'ghandhomx ikollhom kuntatt ma' xulxin. Dan bil-ghan li jigu evitati sitwazzjonijiet bhal dawk li wasslu biex isir dan il-kaz odjern jew sahansitra anke teskala s-sitwazzjoni.***[1]*"*

Illi ghalhekk il-Qorti ser taghmel taghha din l-osservazzjoni filwaqt li l-istess osservazzjoni ser tigi riflessa fil-piena.

Illi r-rapport finali tal-Probation Officer Glen Grixti ma joffri ebda konfort lil din il-Qorti li l-imputat huwa lest li jbiddel it-triq tieghu. Referenza ssir a fol. 156 tal-atti processwali fejn jinghad hekk:

> "*F'dan l-istadju l-Ufficjal tal-Probation jemmen li l-ikkoncernat qed ikun rezistenti fil-konfront tal-*

[1] Emfazi tal-Qorti.

*professjonisti li qed isegwuh u mhux qed isegwi certu gwida li qed jinghata partikularment fir-rigward tal-impjieg. Dawn il-fatturi qed iwasslu ghal certu dubji kemm l-imputat jista' jkun kandidat idoneju ghas-supervizjoni fil-komunita`."*

Illi jrid jinghad li matul dawn il-proceduri din il-Qorti nnutat diversi nuqqasijiet da parti tal-imputat sabiex jimxi mal-istruzzjonijiet professjonali li nghatawlu. Fosthom li jipprova jsib impjieg stabbli u biex ikompli jiehu l-kura medika addattata ghalih. Iregi allura li jekk l-imputat ma hax dawn l-ahhar ghaxar (10) xhur b'mod serju, din il-Qorti hija tal-opinjoni li r-rizorsi offruti mis-servizzi tal-Probation ghandhom ikunu ghad-dispozizzjoni ta' xi haddiehor li verament ghandu bzonn tali servizzi u li ha juzahom u dan qed jinghad ukoll b'mod partikolari li gie dikjarat mill-professjonisti illi l-imputat Andrè Cordina ma huwiex ta' theddida ghal terzi persuni.

Illi l-Qorti tinnota li hija verament hasra li minkejja li l-imputat inghata opportunità wara ohra sabiex isib sens ta' stabbilità f'hajtu, hu pprefera li jiskartahom ghal kollox tenut kont illi l-imputat ghandu l-addebita tar-recidiva. Ghalhekk il-Qorti ser tirrifletti dan fil-piena taghha bit-tama li din tkun ta' taghlima ghall-istess imputat.

## Decide

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 251A, 251B u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 49 (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Andrè Cordina** hati tal-akkuzi kollha fuq ammissjoni u stante li l-ewwel tliet (3) akkuzi huma assorbiti fl-akkuzi l-ohra, tikkundannah ghal multa ta' disat elef ewro (€9,000).

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **Andrè Cordina** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**